# TAĦRIĠ GĦAT-TMIEN SENA (SKOLA MEDJA)

# Il-Malti

malti.skola.edu.mt

Daqqa t'id fil-Malti

DaqqatIdFilMalti

## A. Djalogu

**Kompli din l-istorja billi timla l-vojt. (Taħriġ imħejji minn D. Baldacchino u J. Schembri)**









Pawlu jasal Marsaxlokk, madankollu l-bejjiegħa tal-
ħut ma jsibhomx, għalhekk jistaqsi lil waħda mara.







## B. Taħriġ ieħor:

**i. Tiftix, taħdit u kitba kreattiva**

a. Marsaxlokk huwa magħruf bħala raħal tas-sajjieda u post fejn issib tixri varjetà kbira ta' ħut. Fittex dwar irħula oħra u ara għalxiex inhuma magħrufa.

b. Ikteb fuljett informattiv dwar ir-raħal ta' Marsaxlokk u attrazzjonijiet li wieħed isib fil-madwar.

**ii. Kitba Komunikattiva**

a. Ikteb ***riklam*** għall-fiera tal-ħut li se tittella' Marsaxlokk. (Tinsiex tinżżel id-data, id-divertiment, l-organizzaturi u għalfejn il-pubbliku għandu jattendi).

b. Ikteb ***messaġġ*** lill-ħabib/a biex tinfurmaha li l-Ħadd ta' wara se tmur sa Marsaxlokk mal-familja u biex tistaqsiha tridx tiġi magħkom.

ċ. Ikteb ***paġna tad-djarju*** b'tifkira ta' mawra bid-dgħajsa fil-bajja ta' Marsaxlokk.

## ii. Qabbel l-idjomi/il-qwiel mat-tifsira.

| 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | |

| | |
|---|---|
| 1. Aringa | a. Wieħed li għandu kuluru abjad ħafna. |
| 2. Fanfru | b. Bniedem niexef ħafna. |
| 3. Mazzun | ċ. Wieħed li jħobb jiftaħar. |
| 4. Aħmar daqs skorfna | d. Inqabad dak li konna qed nistennew li jinqabad. |
| 5. Inqabad il-gamblu | e. Aħmar ħafna. |
| 6. Abjad siċċa | f. Wieħed li jemmen kulma tgħidlu. |

## iii. Imla l-vojt fis-sentenzi b'dawn l-idjomi.

**Jorqod daqs bumerin** – Wieħed li jorqod ħafna.
**Kiesaħ daqs siċċa** – Dak li biċ-ċajt tiegħu juri li hu kiesaħ.
**Mar lura bħall-granċ** – Mar lura minflok ma avvanza 'l quddiem.
**Niexef daqs bakkaljawa** – Magħlub/irqiq ħafna.
**Qisu qarnita** – Jiffittak u ma tkunx tista' teħles minnu.
**Bil-pinna u l-klamar** – Tagħmel kollox bl-eżatt.

1. L-istudent il-ġdid ___________________________ għax dejjaq lil kulħadd biċ-ċajt vojt tiegħu.
2. "Jekk ma tridx li neħlu hawn ibqa' miexja għax jekk tkellem lil Marija taqbad miegħek __________________," wissa Sandro lil ħabibtu Erika.
3. Wara li jkun xogħol ta' bil-lejl missieri jorqod ____________________________.
4. Fl-iskola, Alfred ________________________________ minn kemm ilu jagħmilha mal-grupp ta' Nathan.
5. Mal-għalliema tad-drama trid tkun _________________________ għax inkella ma tagħżlekx biex tieħu sehem fir-reċta.
6. Daqs kemm iddispjaċih li telqitu l-għarusa, ħija mhu jiekol xejn u sar ___________________________.

## iv. Ara t-tifsira tal-idjomi u kompli s-sentenza.



1. **Bela' l-lixka –** Inqabad fin-nasba li kienet imħejjija għalih.

Il-ħalliel bela' l-lixka li ħejjew il-pulizija u b'hekk instab min kien qed __________________________________.

2. **Fetaħ il-garġi –** Beda jgħajjat kemm kellu saħħa.

Xħin induna bl-istraġi li kienu għamlu t-tfal Simon fetħet il-garġi u ___________________________.

3. **Donnu ċagħka –** B'saħħtu u jiflaħ ħafna.



Minn kemm ilu qata' l-ħelu u beda jagħmel l-eżerċizzju regolari, Aldo sar qisu ċagħka għax ____________________.

4. **Għarwien ħuta –** Bla ħwejjeġ xejn.

Meta n-nies raw lill-imperatur idur għarwien ħuta ħasbuh li ġġennen. Ħadd ma ħaseb li l-imperatur kien mingħalih liebes ________________________________________.



Kulħadd ħaseb li r-re kien iġġennen meta ħareġ idur għarwien ħuta għaliex minflok ma kellu l-isbaħ libsa kien ________________. .

5. **Ħuta barra mill-ilma –** Tingħad għal dak li jsib ruħu mdejjaq u mifxul fil-post li qiegħed.

Għall-bidu li bdejt naħdem fix-xogħol il-ġdid ħassejtni ħuta barra mill-ilma għax _________________________.

6. **Ma qabadx ħut –** Ma rnexxilux isir jaf dak li xtaq.

Is-surmast ma qabdax ħut għaliex ma rnexxilux isib min kien ħbielu ________________________ .

## v. Uża dawn l-idjomi/qwiel f'sentenzi jew djalogu.



Eż. Ronald xtara karozza użata u spiċċa nefqilha ħafna spejjeż biex sewwieha. Infatti ġietu tiswa aktar milli kieku xtara waħda ġdida.

Martu qaltlu, "Għedtlek li se tagħmel żball tixtri dik il-karrakka. Hemm ara, ġietek **iz-zalza ogħla mill-ħuta**."

1. Ġietu z-zalza ogħla mill-ħuta – Nefaq aktar biex mar jixtri milli ħallas ta' li xtara.
2. Il-ħuta l-kbira qatt ma belgħet il-kbira – Iż-żgħir qatt ma għamel xejn ma min hu akbar minnu.
3. Il-ħuta minn rasha tinten – Meta hemm xi nuqqas il-ħtija tkun ġejja minn min jikkmanda.
4. Xtara l-ħut fil-baħar – Min xtara xi ħwejjeġ qabel ma rahom u ma kienx żgur minnhom.
5. Baħar jibla' l-art – Baħar qawwi b'mewġ kbir.

# Ċ. Grammatika

**i: Imla l-vojt bil-maskil jew il-femminil. (Segwi l-eżempju) (Taħriġ imħejji minn** L. Aquilina, G. Attard, K. Borg u M. Cortis)

Lix-xwejjaħ u *x-xwejħa* li kienu joqogħdu f'tarf ir-raħal kulħadd kien jammirahom. Huma kellhom tifla u ________. Fir-razzett kienu jrabbu papru u ________, kelb u ________, qattus u __________, għasfur u __________, fenek u __________, gidi u _________, xadin u __________, u ħamiemu u __________. Kellhom ukoll żiemel u __________, gendus u ________, nagħaġ u __________, mogħoż u ____________.



**ii. Ikteb il-mamma jew l-għerq u t-tip tal-verb. (Taħriġ ta' G. Attard)**



| Għerq | Mamma | Trilitteru / Kwadrilitteru | Sħiħ (Sħiħ / Trux) Dgħajjef (Xebbiehi/Moħfi/Nieqes) |
|---|---|---|---|
| ħ - s - b | ħaseb | Trilitteru | Sħiħ |
| | | | |
| | | | |
| | | | |
| | | | |
| | | | |
| | | | |
| | | | |
| | | | |
| | | | |
| | | | |
| | | | |
| | | | |
| | | | |
| | | | |
| | | | |

**iii. Għaqqad il-pronom dirett (hu, hie, hom) u l-pronom indirett minflok in-nomi f'dawn is-sentenzi. L-ewwel waħda ngħatatlek bħala eżempju.**

0. Tefa' l-ballun lil ħuh: tefagħhulu

1. Iz-ziju bagħat ittra lil ommu: ___________________

2. Steve organizza festin lin-nanniet: ___________________

3. Ommi xtrat il-libsa lili: ___________________

4. Mario sab il-kelb lilna: ___________________

5. Ommi ħaslet il-ħwejjeġ tan-nanna: ___________________

6. Alfred u Lara taw il-kotba lil ħuthom: ___________________

**iv. Qassar il-kliem li għandek fuq ix-xellug u daħħalhom fit-tisliba. (għ u ie jokkupaw 2 kaxxi.) (Taħriġ ta' D. Baldacchino, D. Pace u N. Sammut)**

**Orizzontali**
1. Ix-xogħol tagħhom
2. In-nannu tiegħu
3. Kiser lit-tfajla
4. Jien sraqt lilu

**Vertikali**
1. Kisser il-vażuni
2. Id-dahar tagħhom
3. Id-dar tagħhom
4. Il-mara tiegħu



**v. Ikteb is-superlattiv tal-aġġettivi fil-parentesi. (Taħriġ ta' R. Sladden)**

Darba waħda kien hemm tliet tiġiġiet u dawn kienu jaħsbu li huma kienu _________________ (sabiħ) tiġiġiet tad-dinja. Kienu jaħsbu wkoll li kienu _______________ (importanti), __________________ (intelliġenti) u __________________ (bravi). Biex ma jiġux fl-idejn iddeċidew li jmorru għand _____________ (qawwi) re. Għaddew xi ġranet u ġew quddiem ir-Re. Pina kienet biedet _____________ (abjad) bajda tad-dinja. Nina kienet biedet ______________(kbir) bajda tad-dinja. Sina kienet biedet ______________ (tqila) bajda. Ir-Re stqarr li il-bajd tagħhom kien __________________ (fin) bajd fid-dinja kollha. U minn dakinhar 'il quddiem kulħadd għaraf li kulħadd għandu xi ħaġa tajba.



## Ċ. Fehim mill-Qari: Il-Fenek Selvaġġ


Fenek selvaġġ ta' lewn xehbi.

Il-fenek tal-grixti jew kif inhu l-aktar magħruf il-fenek selvaġġ huwa wieħed mill-ftit speċi mammiferi li jgħixu fis-selvaġġ li nsibu fil-gżejjer Maltin. (par. 1)

Għalkemm ħafna jaħsbu li l-fenek salvaġġ huwa annimal indiġenu għal gżejjer tagħna, l-istorja turina xorta oħra. Aktarx li kienu r-Rumani li introduċew din l-ispeċi fil-gżejjer kolonji tagħhom għax fil-fniek raw sors ta' laħam f'każ ta' xi nawfraġju. Mal-wasla tal-Ordni ta' San Ġwann f'Malta fl-1530, dawn għaddew liġi li tipprojbixxi l-kaċċa tal-fenek selvaġġ speċjalment fuq il-gżira ta' Kemmuna. Il-pieni kienu tant ħorox li min jinqabad seta' saħansitra jeħel sa ħames snin qdif fuq ix-xwieni tal-Ordni. (par. 2)

Għall-kuntrarju tal-fenek tat-trobbija, il-fenek selvaġġ jikber biss sa 30 ċentimetru fit-tul. Jista' jkun ta' kulur xehbi (fil-griż) jew aħmar, illi huwa aktar rari waqt li s-suf ta' taħt żaqqu u denbu huwa abjad. Iqatta' l-ġurnata mistoħbi ġo xi ħajt tas-sejjiegħ jew f'xi ħarq fil-blat. Joħroġ jirgħa fl-għabex, għalkemm meta l-qamar iqarrab il-kwinta ġieli jqatta' l-lejl kollu barra. F'każ ta' periklu jintrefa' fuq saqajh ta' wara jxomm l-arja. Jekk iħossu mhedded jagħżel li jew jilbet jew jitlaq jiġri. Meta jiġri jħobb isallab biex ifixkel lill-predatur u juża mogħdijiet li jkun imdorri bihom. (par. 3)

Iż-żarmuġa tibni l-bejta billi tqatta' ftit suf minn taħt għonqha biex iżżomm liż-żrameġ tagħha sħan. Iż-żrameġ jitwieldu għomja u għerja. Jieħdu madwar xahar biex joħorġu mill-bejta u jibdew iteftfu l-ħaxix. Fin-natura jgħixu medja ta' tliet snin. (par. 4)

Il-popolazzjoni tal-fenek selvaġġ f'Malta hija waħda stabbli għalkemm f'dawn l-aħħar erbgħin sena, żewġ mardiet (il-myxomatosis u l-viral hemorrhagic disease) li sfortunatament ġew minn barra għamlu ħerba kbira, u għalkemm illum bdiet titrabba xi ftit reżistenza, xorta jibqa' l-fatt li kull sena tfiġġ f'xi nħawi. (par. 5)

Wisq probabbli li l-fenek sar platt daqstant popolari mal-Maltin bħala turija ta' reżistenza għall-projbizzjoni tal-kaċċa tiegħu fi żmien il-Kavallieri. Għalkemm id-domestikazzjoni tal-fenek bdiet madwar elf u erba' mitt sena ilu ġewwa Franza, f'Malta kienu l-Kavallieri li introduċew it-trobbija tagħhom fl-irziezet. Illum il-fenek selvaġġ għandna nipproteġuh biex jibqa' jsebbaħ l-ambjent naturali ta' ġżiritna u jitgawda mill-ġenerazzjonijiet futuri. (par. 6)

**(Alden Grima, Nisġet Artna N. 8, Ħarif 2016)**

## i. Immarka veru jew Falz

| | Veru | Falz |
|---|---|---|
| 1. F'Malta għandna ħafna speċi mammiferi li jgħixu fis-salvaġġ. | ☐ | ☐ |
| 2. Il-fenek tat-trobbija jikber aktar mill-fenek salvaġġ. | ☐ | ☐ |
| 3. Iż-żrameġ idumu madwar xahar biex jibdew inaqqru l-ħaxix. | ☐ | ☐ |
| 4. Il-fenek salvaġġ joħroġ jirgħa filgħodu kmieni. | ☐ | ☐ |

## ii. Mistoqsijiet

1. X'kienet ir-raġuni li ġagħlet lir-Rumani jintroduċu l-fniek slavaġ fil-gżejjer li kienu jaħkmu?

2. X'kienet l-eħrex piena għal minn jinqabad jikkaċċja l-fenek fi żmien il-Kavallieri?

3. Xi lwien għandhom il-fniek slavaġ Maltin?

4. X'jagħmel il-fenek selvaġġ meta jħossu fil-periklu?

5. X'tagħmel il-fenka meta tkun qed tħejji l-bejta għall-frieħ?

6. Għalfejn huwa importanti li nikkontrollaw l-importazzjoni ta' ħxejjex u annimali minn barra minn Malta?

7. Skont l-aħħar paragrafu x'kienet ir-raġuni li wasslet biex il-platt tal-fenek isir daqshekk popolari mal-Maltin?

8. Taħseb li għandha tkun ipprojbita l-kaċċa fuq il-fenek salvaġġ fil-gżejjer Maltin? Agħti tal-anqas raġuni waħda għar-risposta tiegħek.

## D. Kitba: Il-qwiel huma ġabra ta' għerf.



**Il-qawl jgħid:** ***Imxi għal aktar (i.e. passi) il-fenek u ssiblu l-bejta*** **li jfisser** ***ara minn fejn ġej l-inkwiet u neħħih.***

F'madwar 250 kelma, irrakkonta esperjenza li ġrat lilek jew lil xi ħadd li taf, li taqbel ma' dan il-qawl.

## E. Qari: Wara li tkun lestejt taqra ktieb interessanti aħdem dan it-taħriġ. (Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu)

# Ħarsa lejn il-Ktieb

**It-titlu:**

**L-awtur:**

**L-illustratur:**

**Il-ġeneru tal-ktieb:**

- avventura
- tad-daħk
- tal-biża'
- ħrafa
- leġġenda
- fattwali

**L-ambjent:**

L-istorja seħħet ______________________

______________________

______________________

______________________

**L-Illustrazzjonijiet:**

- ftit stampi
- bla stampi
- biżżejjed stampi

**L-istorja:**

Ikkwota silta li laqtitek mill-ktieb.

______________________

______________________

______________________

**Il-Lingwaġġ:**

- ħafif
- diffiċli

**Il-karattri:**

Il-karattru favorit tiegħek jismu